Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 93/17

**Shenian Aquilina Case (appellata)**

**vs**

**Gary Mark Buttigieg (appellant)**

23 ta' Ottubru, 2018.

1. L-attrici harrket lill-konvenut quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-somma ta' €5,000.00, rapprezentanti danni konsistenti f'telf finanzjarju rizultanti mill-agir abbuziv u llegali tieghu li wasal sabiex l-appellata waqfet issegwi kors barra minn Malta u tirritorna lejn Malta, flimkien mal-imghax legali u l-ispejjez.

2. L-appellant wiegeb li:-

   i. l-allegazzjonijiet tal-appellata kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt;
   ii. l-ammont kien qed jigi kontestat; u
   iii. l-ammont u d-danni sofferti mill-appellata kienu mputabbli ghall-agir taghha biss;

   bl-ispejjez kontra l-istess appellata.

3. B'sentenza tal-5 ta' Frar 2018, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar iddecieda billi laqa' t-tieni eccezzjoni, laqa' limitatament it-talbiet tal-attrici u kkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' €253.46, bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-hlas effettiv, filwaqt li l-ispejjez u d-drittijiet kellhom jithallsu kwantu ghal terz (1/3) mill-attrici u kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenut.

4. Il-konvenut appella mis-sentenza u lmenta li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar aghmel apprezzament zbaljat tal-provi meta emmen il-verzjoni moghtija mill-appellata izda mhux il-verzjoni tieghu u tax-xhieda prodotti minnu. Ghalhekk talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha *"tirriforma s-sentenza fl-ismijiet premessi fejn filwaqt illi tikkonfermaha fejn laqghet it-tieni eccezzjoni tal-appellant, thassar, tirrevoka u tikkancella l-bqija tas-sentenza fl-ismijiet premessi,moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, fil-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2015), u konsegwentement tichad it-talbiet tal-attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet kollha imressqa mill-appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attrici."*

5. Fis- 16 ta' Marzu 2018, l-appellata rrispondiet l-appell billi ssottomettiet:

   i. l-appell interpost kien irritu u null stante li ma kienx jinkwadra fil-parametri tas-subartikolu 8(3) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta peress li s-somma li l-appellant kien gie kkundannat ihallas kienet ta' €253.46; u
   ii. l-allegazzjoni tal-appellant li t-Tribunal kien ghamel apprezzament zbaljat tal-provi ma kienet gustifikata bl-ebda mod minnu u ghalhekk l-apprezzament tal-provi ta' dak it-Tribunal ma kellux jigi disturbat;

   bl-ispejjez kontra l-istess appellant li kellu wkoll jigi kkundannat ihallas penali xierqa bl-applikazzjoni tas-subartikolu 8(5) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta fl-eventwalita' li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell tieghu.

6. In segwitu ghas-sentenza li nghatat mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, l-ammont in kwistjoni sar mitjen u tlieta u hamsin ewro u sitta u erbghin centezmu (€253.46). Fil-fatt l-appellata ma pproponitx appell incidentali.

7. Appell minn sentenza ta' din il-qorti, meta l-ammont in kwistjoni ma jkunx jaqbez is-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500), jista' jsir biss fil-kazijiet li jissemmew f'subinciz (2) tal-artikolu 8 tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380).

8. L-aggravju tal-appellant m'hu xejn ghajr kritika ghal fatt li t-Tribunal emmen il-verzjoni tal-appellata. Mis-sentenza hu evidenti li t-Tribunal ikkunsidra l-provi kollha u wasal ghal konkluzjoni tieghu, wara li spjega ghalfejn qies il-verzjoni tal-attrici iktar kredibbli minn dik tal-konvenut. Ghaldaqstant l-ilment tal-appellant ma jaqax taht wiehed mill-kazijiet kontemplati f'subinciz (2) tal-artikolu 8 tal-Kap. 380. Il-qorti zzid li wara li qrat l-atti, dan lanqas ma kien kaz fejn it-Tribunal kellu bilfors jemmen il-verzjoni tal-appellant.

**Ghal dawn il-motivi tiddikjara l-appell null, bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.